**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

Kaz Nru; 259/15

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**Vs**

**RODRICK GRECH**

**Illum, 6 ta' Ottubru, 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Rodrick Grech** ta' disgha u tletin (39) sena bin John u Catherine nee' Zammit, imwieled H'Attard nhar is-26 ta' Dicembru 1975 residenti Sacred Heart, Triq il-Fossili, Birzebbugia u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 66776M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta' Jannar 2015 kif ukoll f'dawn l-ahhar gimghat, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar li-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għal-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għal-użu tiegħu skont ir-ricetta kif provdut fr-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentment emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;
3. Kellu fil-pussess tiegħu medicina psikotropika u ristretta mingħajr awtorizazzjoni ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;
4. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar l-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simli fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat imħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Doveri u Kawzi datat it-28 ta' Lulju 2021 kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smight mill-gdid tax-xhieda gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta[1];

Rat l-Ordnijiet tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll tas-subartikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta) permezz ta' liema ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu[2];

Rat u semghet lix-xhieda;

Rat l-atti processwali inkluz id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet:

**Ikkunsidrat:**

(A) FATTI TAL-KAZ ODJERN

Illi l-proceduri odjerni jikkoncernaw fatti li jirrisalu lura ghat-12 ta' Jannar tas-sena 2015 meta, ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu, waqt li membri tar-Rapid Intervention Unit (RIU) fi hdan il-korp il-pulizija kien qed jaghmlu ronda fil-vicinanzi ta' Sky Club gewwa Paceville, nnutaw lill-imputat jagixxi b'mod suspettuz. L-ufficjali tal-pulizija in kwistjoni jispjegaw li huwa osservaw lill-imputat jarmi xi haga kbira tal-plastic fil-gnien u ghaldaqstant waqfu sabiex ikellmuh. Dak il-hin il-pulizija nnotaw li Grech kien jidher ecitat kif ukoll osservawh jitfa mal-art xi haga waqt li kien hiereg ukoll security officer fi hdan Sky Club, certu Clifford Bugeja. Wiehed mill-ufficjali tal-pulizija gabar l-oggett minn mal-art. Dan l-oggett kien kaxxa tas-sulfarini kontenenti tnax-il pillola suspettata ecstasy. Dak il-hin saret *frisk search* fuq il-persuna tieghu fejn gewwa l-gakketta nstab bott tac-chewing gum *Orbit* kontenenti zewg pakketti tal-plastic trasparenti bi trab abjad. Gie nnotat ukoll li fil-kartiera kellu madwar Eur. 670 fi flus kontanti. Saret ukoll tfittxija fil-vettura li kien qed juza l-imputat, liema vettura kellha n-numru ta' registrazzjoni ABU, fejn ma nstab xejn irregolari. Madanakollu nstab bott simili tal-Orbit vojt. Bhala parti mill-investigazzjonijiet in konnessjoni ma din is-serqa l-pulizija ghamlet ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat – 17, Flat 1, Numru 19 u 21, gewwa triq il-Fossili, B'Bugia. F'din ir-residenza nstabu diversi boroz gol-dustbin, mizien u xi

[1] F'dan is-sens issir referenza ghal fol. 124; 127 u 130 tal-atti processwali.
[2] Issir referenza ghal fol. 6 u 56 tal-atti processwali odjerni.

pilloli blue. Fil-garage instab *safe* madanakollu wara li gie miftuh irrizulta li kien vojt.

Fil-mori tal-proceduri odjerni gie mahtur bhala perit fit-termini tal-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali x-xjenzat Godwin Sammut. Sammut inghata zewgt inkarigi wiehed fuq talba tal-prosekuzzjoni u l-iehor fuq talba tad-difiza.

L-ewwel inkarigu mghoti lix-xjenzat Sammut fuq talba tal-prosekuzzjoni kienet dik sabiex janalizza s-sustanza esebita mill-prosekuzzjoni. F'dan ir-rigward, Sammut ikkonkluda s-segwenti:

> *"Ghaldaqstant mir-rizultati miksuba l-esponent, ix-xjenzat Godwin Sammut, jista' jikkonkludi:*
>
> *(a) Illi fuq estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn blu li hemm fid-dokument immarkat S/B/157/2016 (Evidence bag S00699190) instabet is-sustanza 3,4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA). In-numru ta' pilloli kien 12. Din is-sustanza hija kkontrollata taht Taqsima A, tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*
> *(b) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument immarkat S/B/157/2016 (Evidence bag S00699189) instabet is-sustanza kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 1.02 grammi u l-purita' kienet ta' circa 21%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-ewwel skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
> *(c) Illi fuq swabs mehuda minn fuq il-boroz tal-plastik li hemm fid-dokument immarkat S/B/157/2016 (Evidence bag L00289772) instabet is-sustanza kokaina."*[3]

Permezz tat-tieni inkarigu, fuq talba tad-difiza, Sammut gie mitlub janalizza Dok. MB1, Dok MB3 u Dok. MB4 u jaghmel ezami komparattiv fis-sens li jara jekk hemmx mechanical fit bejn Dok. MB3 u Dok. MB4 ma Dok. MB. 1. F'dan ir-rigward, ix-xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda s-segwenti:

> *"Ghaldaqstant mir-rizultanzi miksuba l-Esponent, ix-xjenzat Godwin Sammut, jista' jikkonkludi:*
>
> *(a) Illi fuq ezamijiet komparattivi li saru bejn Dok. MB3 ma Dok. MB1 u Dok. MB4 ma Dok. MB1 irrizultaw fin-negattiv."*[4]

L-imputat minn jeddu ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fejn huwa nnega li s-sustanzi misjuba kienut tieghu. Huwa bil-gurament jiddikjara li l-kaxxa tas-sulfarini misjuba mal-art ma kinitx tieghu u li l-bott tac-chewing gum Orbit li kien fil-gakketta (konententi s-sustanza kokaina) ma kienx tieghu. Huwa spjega

[3] Fol. 65-66 tal-atti processwali odjerni.
[4] Ara f'dan is-sens Dok. GS1.

li huwa kien jahdem gewwa Sky Club u kien halla l-gakketta fil-Club. Ghaldaqstant huwa jispjega li xi had setgha tefghalu l-bott tac-chewing gum fil-gakketta tieghu. Fix-xhieda tieghu huwa jispjega li kien jaghmel xi xoghol ta' taxi u li l-flus kontanti li nstabu fil-pussess tieghu kien qliegh minn dakinhar. Fir-rigward tal-mizien huwa jispjega li dan xtrah l-ghaliex xi ftit qabel huwa kien iltaqa ma persuna gewwa r-Rabat li ried jixtri minghandu xi crieket tad-deheb u ghaldaqstant kien xtara mizien sabiex jizen l-istess fuq talba ta' dan ix-xerrej. Jghid li c-crieket kien bieghhom ghall-prezz ta' mitt Ewro. Jghid ukoll li l-ex mara tieghu kien ghad kellha c-cwievet ghar-residenza tieghu. Huwa jispjega ukoll l-ammont kbir ta' boroz li nstabu fir-residenza tieghu, fejn jghid li huwa kien jiehu l-prodott Slim and Trim ghaliex kien iffissat fuq kif jidher u fit-training. Huwa jispjega ukoll il-process ta' kif kien izzomm il-prodotti li kien jiehu.

Id-difiza harket ukoll lil Clifford Bugeja, madanakollu dan ix-xhud ftit li xejn ftakar dwar il-fatti mertu tal-proceduri odjerni. L-imputat talab ukoll li jithejja social inquiry report fil-konfront tieghu. Mill-istess rapport jirrizulta li Grech prezentament jinsab f'relazzjoni stabbli u huwa self-employed bhala xufier tat-taxi. Gie rrapurtat ukoll li l-imputat ghandu zewgt itfal u ghandu relazzjoni tajba maghhom. L-ufficjal tal-probation ikkonfermat ukoll li l-imputat igawdi minn sahha fizika tajba u ghandu l-passatemp tal-body building. Finalment gie rrapurtat ukoll li l-imputat isostni li huwa qatt ma abbuza minn drogi. Ittiehed ukoll kampjun tal-urina li wara li gie analizzat ghas-sustanzi kannabis, kokaina u eroina, l-istess kampjun ittestja negattiv ghall-imsemmija sustanzi.

## (B) KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR HTIJA

Illi permezz tal-**<u>ewwel imputazzjoni</u>** Grech jinsab akkuzat b'pussess ta' medicina psikotropika u ristretta f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Din is-sustanza, konsistenti fi tnax-il pillola MDMA, kienet f'kaxxa tas-sunfarini li giet elevata mill-pulizija minn mal-art. Ghaldaqstant fl-ewwel lok jehtieg li jigi stabbilit jekk l-imputat effettivament kienx fil-pussess ta' din is-sustanza.

L-imputat jinsisti, anke bil-gurament, li din is-sustanza ma kinitx tieghu u lanqas ma kienet fil-pussess tieghu. Madanakollu, tlett ufficjali tal-pulizija jikkonfermaw bil-gurament li huma raw lill-qua imputat jarmi l-imsemmija kaxxa tas-sulfarini mal-art. PS279 Gauci jghid li hu osserva lill-imputat jarmi xi haga kbira tal-plastic fil-gnien tal-lukanda Westin. Jghid li marru jkellmuh izda hekk kif bdew jersqu lejh huwa deher ecitat. Gauci jghid ukoll jiggenneb u jitfa' xi haga. Dak il-hin, dejjem skond l-istess xhud, inzerta hiereg Clifford Bugeja, li nhassad bl-azzjoni li kien ghamel il-qua imputat. PC 538 Azzopardi

jghid li hekk kif niezlu mill-vettura huma raw lill-imputat li kien jidher ecitat u gie osservat jipprova jghaddi kaxxa tas-sulfarini lil terza persuna. Mitlub mill-Qorti jispjega izjed fid-dettal dak li l-imputat gie osservat jaghmel, Azzopardi jispjega li ma kienx cert jekk il-kaxxa tas-sulfarini harigiex mill-but jew kienet f'idu, izda huwa prova jwaddaba u din waqghet mal-art. PC454 Bugeja jispjega li ra lill-imputat jwaddab siggu. Ghaldaqstant marru sabiex ikellmuh u beda jagixxi b'mod stramb. Bugeja jispjega li hekk kif ser jibdew ikellmuh bil-ghan li jaghmlu tfittxija, Grech hareg qisha kaxxa tas-sulfarini mil-but u waddabha lil terza persuna li kien qieghed ftit 'il gewwa mill-istess stabbiliment. It-testimonjanzi ta' dawn l-ufficjali tal-pulizija ma humiex identici madanakollu huma verosimili. Dan ghaliex ghalkemm id-dettalji mghotija ma humiex identici (fattur li jindika li l-ufficjali ma ftehmux dwar il-verzjoni taghhom) dawn jaqblu fil-gist taghhom. It-tlett ufficjali jispjegaw li huma raw lill-imputat iwaddab kaxxa tas-sulfarini li kienet fil-pussess tieghu. L-imputat fix-xhieda tieghu jinnega li ghamel dan madanakollu ma joffri l-ebda spjegazzjoni kif propju huwa gie osserat jaghmel dan mhux biss minn persuna wahda izda minn tlett ufficjali tal-pulizija. Konsegwentament fil-fehma ta' din il-Qorti, fid-dawl tax-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija, jirrizulta pruvat li l-qua imputat kien fil-pussess tal-imsemmxija kaxxa tas-sulfarini li sussegwentament irrizulta li kienet kontenenti tnax-il pillola MDMA.

Fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta ukoll pruvat li dan il-pussess kien wiehed xjenti. L-imputat kien tant konsapevoli ta' dak li kellu fil-pussess tieghu u l-istat tal-illegalita' li huwa kien fiha li huwa prova jarmi l-istess kaxxa sulfarini kontenti l-pilloli MDMA.

Galadarba gie stabbilit il-pussess xjenti tal-MDMA jonqos biss li din il-Qorti tiddetermina jekk il-pussess ta' pilloli MDMA kienx wiehed f'cirkostanzi li jindikaw li ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu jew xort'ohra. Jinghad illi sabiex persuna tinsab hajta ta' pussess aggravat il-prosekuzzjoni ma hijiex tenuta tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni jispacca d-droga. Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza Il-Pulizija v. Jason Mallia, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet illi:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

B'mod identiku, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Lawrence Fabri mghotija fis-27 t'April 2017 ntqal:

> *"Issa l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni skorretta tal-principju legali tal-pussess aggravat tad-droga billi biex jissussisti dan ir-reat, fil-fehma tieghu, hemm il-htiega li l-ewwel u qabel kollox tigi ippruvata l-intenzjoni ta' l-ispacc u cioe' illi l-pussess tal-awtur tar-reat irid ikun wiehed intiz ghall-ispacc. Dan ma jirrizultax, jikkontendi, mill-atti probatorji. Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "possession with intent to supply", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Din l-istess sentenza tispecifika ukoll it-tip ta' prova li tista' titressaq in konnessjoni mal-imputazzjoni ta' pussess aggravat.

> *"Illi maghmula din id-distinzjoni xortawahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.*
>
> *"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*
>
> * *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
> * *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
> * *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
> * *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
> * *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*

*Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*

*Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

*Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*

*Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.4"*

*Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:*

*"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article* ***may be inferred from objective factual circumstances****."*

*Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont , kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-sentenza Il-Pulizija vs. Ernest Briffa, l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ghamlet referenza ghal diversi sentenzi ohra filwaqt kompliet tispjega dawk il-fatturi li jsawru l-elementi tal-pussess aggravat.

*"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Noel Borg deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*

*'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*

*Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002])."'* (Sottolinear ta din il-Qorti)

Stabbiliti dawn il-principji gurisprudenzjali, jinghad li mill-provi mressqa jirrizulta li l-ammont ta' pilloli misjuba fil-pussess ta' Grech kien dak ta' tnax-il pillola. Dan ma huwiex ammont traskurabbli. Lanqas ma huwa ammont li persuna hija mistennija li tikkonsmaha wahedha f'lejla iktar u iktar meta f'dak il-lejl l-imputat kien xoghol. Dawn il-pilloli nstabu kollha fil-pussess ta' Grech gewwa kaxxa ta' sulfarini waqt li l-qua imputat kien gewwa Paceville, post maghruf maz-zaghzagh ghad-divertiment. Dawn il-pilloli nstabu ukoll fl-istess waqt li l-qua imputat kien fil-pussess ta' sustanza ohra (hekk kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem f'din is-sentenza) kif ukoll l-ammont ta' 'l fuq minn Eur. 600 fi flus kontanti fuq il-persuna tieghu. Tenut kont dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-pussess tal-imputat tal-pilloli MDMA ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv tieghu.

In kwantu **<u>ghat-tieni imputazzjoni</u>** li tirrigwarda l-pussess aggravat tas-sustanza kokaina irid jinghad li l-qua imputat Rodrick Grech qed jikkontesta ukoll il-pussess ta' din is-sustanza. Ma huwiex ikkontestat bejn il-partijiet li s-sustanza kokaina instabet gewwa bott vojt tac-chewing gum tal-marka Orbit, liema bott instab mill-pulizija gewwa l-but tal-gakketta li kien libes Grech. Madanakollu Grech, anke bil-gurament, jishaq li l-istess bott ma huwiex tieghu u li ghaldaqstant xi had necessarjament poggielu l-istess bott fil-but tal-gakketta. Huwa jispjega li waqt li kien xoghol huwa kien neza l-gakketta u hallieha x'imkien gewwa SkyClub u ghaldaqstant kien facli li persuna ohra tkun tefghet l-istess bott fil-gakketta tieghu *ad insaputa* tieghu.

Irid jinghad li fil-fehma ta' din il-Qorti x-xhieda tal-imputat ma ghandhiex mis-sewwa. Fix-xhieda tieghu l-imputat jipprova jiggustifika x'istanzi minnhom anke b'mod esagerat kull cirkostanza li tista' b'xi mod issaraf f'inferenza relatata mal-abbuz ta' sustanzi illeciti. L-imputat sahaq li mhux vera li huwa rema' l-kaxxa tas-sulfarini kontenenti l-MDMA u dan minkejja li gie osservat jaghmel dan minn tlett ufficjali tal-pulizija. Jghid ukoll li xi hadd tefghalu l-bott tac-chewing gum kontenenti il-kokaina fil-gakketta tieghu ad insaputa tieghu. Din il-Qort mhux biss issib din il-verzjoni bhala wahda li ma ghandhiex mis-sewwa, galadarba huwa ferm difficli li xi hadd jaqbad u jitfa droga f'gakketta ta' haddiehor minghajr ma jkun mistoqsi jaghmel dan, ghall-ebda raguni u minghajr kumpens, izda din il-verzjoni hija ukoll sa certu punt kontradetta bil-fatt li fil-karozza tal-imputat instab bott vojt simili ghal dak kontenenti d-droga. Di piu' l-imputat, fix-xhieda tieghu jipprova jispjega l-ammont sostanzjali ta' sachets li nstabu fir-residenza tieghu. Uhud minn dawn is-sachets kienu uzati bil-kantunieri maqtughin filwaqt li ohrajn mhux uzati. Fuq talba tad-difiza, x-xjenzat mahtur minn din il-Qorti kkonferma li sachets li go fihom instabet is-sustanza kokaina ma humiex l-istess bhas-sachets li nstabu fir-residenza tal-imputat. Huwa ddikjara bil-gurament li dawn is-sachets jintuzaw ghas-sustanzi li jiehu minhabba d-delizzju tieghu tal-*bodybuilding*. Madanakollu fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li instabu sachets kontenenti s-sustanza kokaina fuq il-persuna tieghu kif ukoll sachets ohra fir-residenza tieghu li kellhom tracci tas-sustanza kokaina. Huwa spjega ukoll li nstab mizien id-dar ghaliex kien biegh xi crieket tad-deheb u minn xtrahom kien talbu jizienhom. Bir-rispett kollu lanqas dan fil-fehma tal-Qorti ma ghandux mis-sewwa. Skond ix-xhieda tal-imputat il-prezz gie miftiehem anke qabel ic-crieket intieznu. Di piu, jekk ix-xerrej kien daqshekk interessat li jizen ic-crieket setgha facilment jixtri mizien hu. Ghaldaqstant din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-mizien nxtara sabiex jintiznu c-crieket.

B'hekk, tenut kont li x-xhieda tal-imputat ma hijiex wahda kredibbli kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-imsemmija sustanza instabet fil-pussess fiziku tal-imputat flimkien ma sustanza ohra li Grech ipprova jarmi fid-dawl tal-prezenza tal-

pulizija, din il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina.

Konsegwentament, din il-Qorti jonqosha tistabilixxi jekk il-pussess tal-imputat kienx wiehed aggravat jew semplici, dan anke b'referenza ghall-gurisprudenza citata iktar qabel f'din is-sentenza. Mir-rapportipprezentat mix-xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li s-sustanza kokaina kienet maqsuma f'zewgt iqratas fl-ammonti ta' 0.47 grammi u 0.55 grammi, bl-ammont totali ta' 1.02 grammi. Il-purita' ta' din is-sustanza kienet dik ta' 21%. Hekk kif inhu evidenti l-ammont tal-qratas huwa wiehed simili ghall-ahhar. Jirrizulta ukoll li f'uhud mis-sachets li nstabu fir-residenza tal-imputat kien hemm ukoll tracci tas-sustanza kokaina. L-ammont tas-sustanza kokaina huwa wiehed zghir ferm u konsegwentament ma huwiex wiehed indikattiv ta' spacc. Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-qua imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina dan f'cirkostanzi li l-istess sustanza kienet intiza esklussivament ghalih.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, l-imputat ser jinsab hati tal-ewwel imputazzjoni u r-raba' imputazzjoni filwaqt li ser jigi illiberat mit-tieni u t-tielet imputazzjoni.

Fl-ahhar net issir referenza ghall-hames imputazzjoni li tirrigwarda l-aggravju tal-mitt metru li jistgha jitqies bhala cirkostanza aggravanti in konnessjoni mal-ewwel imputazzjoni. Illi mill-atti processali ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni ressqu l-ebda prova in konnessjoni ma dan l-aggravju. Huwa minnu li l-qua imputat gie arrestat gewwa Paceville li huwa maghruf bhala post intiz ghad-divertiment taz-zghazagh madanakollu l-unika prova li tressqet hija li l-imputat gie arrestat gewwa Triq Dragonara. Fis-sentenza mghotija fl-ismijiet: The Police vs. Abdikarim Isman Omar nhar 29 t'Ottubru 2018, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat is-segwenti dwar l-aggravju tal-mitt metru meta l-imputat kien arrestat fi Triq Dragonara ezatt bhal kaz odjern:

> *"This particular aggravating circumstance could only be proven by objective means and it is manifestly evident from the records of the proceedings that there is no evidence that the crime of which the accused was found guilty took place in or within the said one hundred meters. Dragonara Road in Paceville is a fairly long road and the fact that it is common knowledge that young people frequent Paceville is not of itself sufficient to safely conclude that the crime took place in or within the said one hundred meters more so when not all areas of Paceville are invariably frequented by young people let alone on a habitual basis."*

Fi dawl ta' dan il-principju kif ukoll fuq nuqqas ta' provi fil-kaz odjern din il-Qorti ser tillibera lill-qua imputat mill-hames imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Decide;**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 3 u 5 tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 kif ukoll l-artikoli 120, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) kif ukoll l-artikoli 22(1)(a) u 2(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijet ta' Malta u r-regolament 9 tal-Ligi Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lill-qua imputat Rodrick Grech mhux hati tat-tieni, t-tielet u l-hames imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li qed isibu hati tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' sebgha xhur prigunerija kif ukoll ghall-multa ta' Eur. 700 li** b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Ewro (Eur. 100) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien sena millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Rodrick Grech sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 425.46 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sena millum.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Christine Farrugia**

**Deputat Registratur**